



Brussell, 6 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14585/21

Fajls Interistituzzjonali:

2021/0211(COD)
2021/0200(COD)
2021/0201(COD)
2021/0197(COD)
2021/0206(COD)
2021/0202(COD)
2021/0207(COD)

ENV 953
CLIMA 420
ENER 548
TRANS 737
ECOFIN 1212
AGRI 610
FORETS 83
MI 920
RESPR 42
CODEC 1595

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" a) Reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra biex tiġi implimentata l-ambizzjoni tal-mira l-għdida għall-klima għall-2030 u l-proposti relatati b) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi c) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 d) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda e) Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima – Rapport ta' progress – Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposti msemija hawn fuq bħala parti mill-pakkett ta' proposti leġiżlattivi "Lesti għall-mira ta' 55 %". Il-pakkett għandu l-għan li jallinja l-qafas ta' politika tal-UE dwar il-klima u l-enerġija mal-mira klimatika ambizzjuża l-għdida tagħha għall-2030 li l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % u li jpoġġiha fit-triq it-tajba biex tilħaq l-oġettiv tagħha li ssir newtrali għall-klima sal-2050.
2. Fil-Kunsill, il-proposti jiġu ttrattati f'erba' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill: Ambjent, Enerġija, Trasport, u Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.
3. Il-Presidenza ħejjiet rapport li fih ħarsa ġenerali lejn il-progress tal-proposti taħt il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" (dokument 13977/21). Ir-rapport jiffoka fuq l-aspetti orizzontali tal-pakkett, bħall-interkonnessjonijiet bejn il-fajls, u l-kwistjonijiet ewlenin li tqajmu s'issa fid-diskussjonijiet. Dan ġie ppreżentat lill-konfigurazzjonijiet responsabbli tal-Kunsill flimkien ma' rapporti ta' progress separati dwar il-proposti individwali.
4. Il-Kunsill Ambjent kellu l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" fis-6 ta' Ottubru 2021. Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tal-20 ta' Diċembru 2021, dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi aktar dettalji dwar il-progress li sar fuq il-ħames fajls li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Ambjent u, fejn possibbli, li jstabbilixxi f'termini wesgħin il-fehmiet preliminari tad-delegazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet prinċipali.
5. Dawn il-fajls huma fil-qalba tal-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", bl-ambizzjoni miżjuda tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) bħala mutur ewlieni flimkien ma' miri nazzjonali aġġornati fir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR) u miżuri biex jissaħħu l-bjar naturali permezz tar-Regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF). L-istandards aktar stretti dwar is-CO₂ proposti għall-karozzi u l-vannijiet għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri jilhqqu l-miri nazzjonali miżjuda tagħhom filwaqt li jstimulaw l-innovazzjoni teknoloġika fis-settur. Il-Fond Soċjali għall-Klima (SCF) li għadu kif ġie propost għandu l-għan li jindirizza l-impatti soċjali u distributtivi tas-sistema l-għdida proposta għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq.

6. Fir-rigward tal-progress ġenerali f'dawn il-fajls, il-valutazzjoni tal-Presidenza hija li ser tkun meħtieġa ħidma teknika ulterjuri konsiderevoli fuq il-biċċa l-kbira tagħhom minħabba l-kumplessità tagħhom u l-introduzzjoni ta' elementi ġodda, u barra minn hekk, fir-rigward tal-ETS, minħabba d-daqs tal-fajl.

II. ĦIDMA MWETTQA MATUL IL-PRESIDENZA

i) Riforma tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)

7. Tliet proposti huma ttrattati bir-riforma tal-ETS¹: proposta biex tiġi emendata d-Direttiva ETS, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) u r-Regolament dwar it-trasport marittimu tal-MRV ("ETS ġenerali"), proposta biex tiġi emendata d-Direttiva ETS fir-rigward tal-avjazzjoni ("ETS fl-avjazzjoni") u proposta separata biex tiġi emendata d-Deċiżjoni MSR.

¹ Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757 (dok. 10875/21 + ADD 1-7);
Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u li timplimenta b'mod xieraq miżura globali bbażata fuq is-suq (dok. 10917/21 + ADD 1-3);
Proposta għal Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 fir-rigward tal-ammont ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 (dok. 10902/21 + ADD 1).
Barra minn hekk, ir-raba' proposta dwar l-ETS ġiet ippreżentata fl-14 ta' Lulju 2021: Proposta għal Deċiżjoni li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tan-notifika ta' kumpens fir-rigward ta' miżura globali bbażata fuq is-suq għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-Unjoni. Il-proposta hija ttrattata separatament taħt it-TTE (Trasport).

L-għan tal-proposti huwa li jiġi żgurat li l-ETS tipprovdi s-sehem tagħha taż-żieda fl-ambizzjoni ġenerali tal-UE permezz tal-introduzzjoni tal-ipprezzar tal-karbonju f'setturi li għadhom mhumiex koperti mill-ETS (is-settur marittimu, tal-bini u tat-trasport bit-triq) u t-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet eżistenti. Il-proposta "ETS fl-avjazzjoni" għandha wkoll l-għan li timplimenta l-CORSIA². Fir-rigward tal-ETS eżistenti, il-proposti għandhom jirriżultaw fi tnaqqis ġenerali ta' 61 % tal-emissjonijiet f'setturi koperti mill-ETS sal-2030, meta mqabbel mal-2005 b'kuntrast mal-oġettiv attwali ta' 43%. L-ETS separata proposta għall-bini u t-trasport bit-triq għandha tipprovdi tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 43 % f'dawn is-setturi meta mqabbel mal-livelli tal-2005, bil-għan li tikkontribwixxi biex l-Istati Membri jilhqqu l-miri nazzjonali tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel huwa inkarigat mill-proposta. Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija huwa Kumitat assoċjat dwar il-proposta għal "ETS ġenerali". Peter Liese (PPE, DE) inħatar rapporteur għall-proposta "ETS ġenerali", Sunčana Glavak (PPE, HR) rapporteur għall-proposta "ETS fl-avjazzjoni" u Cyrus Engerer (S&D, MT) rapporteur għall-proposta separata dwar id-Deċiżjoni MSR. Il-ħidma fuq il-proposti tinsab fi stadju bikri, u skont l-informazzjoni disponibbli, ma ġiet ikkomunikata l-ebda skeda ta' żmien finali.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni ġew ikkonsultati dwar il-proposti iżda għad iridu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent kellu tmien laqgħat matul il-Presidenza Slovena ddedikati għall-eżami tat-tliet proposti relatati mar-riforma tal-ETS u l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom. Id-diskussjonijiet kienu bbażati fuq raggruppament tematiku tal-proposti u kkontribwew għal qari inizjali ffukat fuq il-kjarifika ta' kwistjonijiet biex id-delegazzjonijiet ikunu jistgħu jifhmu aħjar id-dettall tal-proposti. F'dak ir-rigward, id-delegazzjonijiet talbu għal aktar informazzjoni dwar l-impatt tal-proposti fil-livell tal-Istati Membri u talbu kjarifiki dwar l-interkonnessjonijiet ma' proposti oħra fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet għadhom qed jistudjaw it-testi u għalhekk il-kummenti jew il-pożizzjonijiet tagħhom huma fil-biċċa l-kbira preliminari.

² Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali, miftiehma mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fl-2016.

Id-delegazzjonijiet ikompli jqisu li l-ETS tinsab fil-qalba tal-politika tal-UE dwar il-klima. Filwaqt li jidher li hemm rikonoxximent ġenerali li l-ETS ser ikollha tagħti is-sehem kosteffiċjenti tagħha taż-żieda fl-ambizzjoni tal-UE, il-fehmiet iwarjaw dwar il-bidliet proposti. F'dan il-kuntest, kien hemm xi appelli biex jiġu esplorati l-opzjonijiet biex tkompli tiżdied l-ambizzjoni tal-ETS iżda wkoll tħassib dwar l-impatti possibbli ta' ċerti partijiet tal-proposti kemm fuq is-setturi ekonomiċi kif ukoll fuq l-unitajiet domestiċi, li ssottolinja l-ħtieġa li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti tal-Istati Membri.

L-istabbiliment ta' ETS separata għall-bini u t-trasport bit-triq

Id-diskussjonijiet s'issa enfasizzaw ir-rabtiet b'saħħithom bejn l-ETS proposta għall-bini u t-trasport bit-triq u elementi oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'mod partikolari r-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima, ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija, ir-Regolament dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet, u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija.

Hemm rikonoxximent ġenerali li jenħtieġu sforzi ulterjuri biex jiġu ddekarbonizzati s-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq. Madankollu, għadd kbir ta' delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar il-proposta tal-Kummissjoni, b'għadd ta' delegazzjonijiet jesprimu riżervi sinifikanti fir-rigward tal-adeqgatezza li jiġi applikat l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal dawn is-setturi. Dan it-tħassib jikkonċerna b'mod partikolari ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, u l-impatti soċjali u distributtivi fuq unitajiet domestiċi bi dħul aktar baxx, li jkomplu jżidu r-riskju tal-faqar enerġetiku u jwasslu għal disparitajiet akbar bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom. F'dak l-isfond, xi delegazzjonijiet ikkontestaw ukoll l-affermazzjoni li għal dawn is-setturi, l-ETS hija l-aktar għodda effettiva għad-dekarbonizzazzjoni, bl-argument li l-ispejjeż jistgħu sempliċiment jitgħaddew lill-konsumaturi. Bosta qajmu mistoqsijiet dwar jekk il-Fond Soċjali għall-Klima hux ser ikun biżżejjed biex itaffi l-impatti soċjali u distributtivi. Xi delegazzjonijiet huma mħassba dwar it-telf ta' dħul konsegwenti, waqt li rreferew fost l-oħrajn għall-miżuri fiskali nazzjonali fis-seħħ. Xi delegazzjonijiet qajmu wkoll kwistjonijiet rigward l-implimentazzjoni u l-piż amministrattiv.

Min-naħa l-oħra, għadd ta' delegazzjonijiet laqgħu l-introduzzjoni proposta ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq, filwaqt li enfasizzaw il-potenzjal oġġla tiegħu li jiddekarbonizza dawn is-setturi b'mod kosteffiċjenti u fl-istess ħin jappoġġa lill-Istati Membri fl-ilħuq tal-miri nazzjonali miżjuda tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Dawn id-delegazzjonijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa għal miżuri ta' mitigazzjoni kontra l-impatti soċjali u distributtivi, b'xi wħud jindikaw li miżuri alternattivi ser ikollhom ukoll impatti simili iżda li l-ipprezzar tal-karbonju jiġġenera wkoll dħul li jista' jintuża għal tali miżuri. Xi wħud għandhom dubji dwar il-Fond Soċjali għall-Klima.

Fir-rigward tal-ambitu propost tal-fjuwils fossili koperti mill-ETS separata, xi delegazzjonijiet kienu lesti jikkunsidraw ambitu akbar li jkopri l-fjuwils fossili kollha. Min-naħa l-oħra, oħrajn staqsew dwar ambitu aktar limitat tas-setturi, pereżempju bl-esklużjoni tas-settur residenzjali tal-bini.

Minħabba n-novità tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet propost għall-bini u t-trasport bit-triq, id-diskussjonijiet inizjali ffukaw ħafna fuq il-ksib ta' kjarifiki dettaljati kemm dwar l-impatti tal-proposta skont is-settur u għal kull Stat Membru, inkluż l-ishma tal-irkant u d-dħul għal kull Stat Membru, kif ukoll fuq diversi elementi ta' tfassil. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ETS separata li għandhom l-għan li jiżguraw bidu bla xkiel tas-sistema, id-delegazzjonijiet laqgħu l-għan tagħhom u xi wħud talbu kjarifiki b'mod partikolari dwar il-kalkolu u t-tqassim tad-data fir-rigward tal-limitu propost, inkluż is-sehem tal-emissjonijiet għal kull Stat Membru u għal kull settur, u l-frontloading propost ta' 30 % tal-kwoti għall-irkant fl-2026. Filwaqt li għadhom qed jistudjaw il-proposti, xi delegazzjonijiet ikkunsidraw li bidu saħansitra aktar faċli jkun aktar adatt u staqsew jekk il-frontloading tal-kwoti jistax iwassal għal problemi fi stadju aktar tard.

Fir-rigward tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) separata, id-delegazzjonijiet fittxew diversi kjarifiki dwar ir-raġunament wara l-parametri u l-funzjonament proposti, fost l-oħrajn dwar id-daqs inizjali u l-limiti għat-tqegħid jew ir-rilaxx tal-kwoti fir-riżerva. Fir-rigward tal-mekkaniżmu propost ibbażat fuq iż-żieda fil-prezzijiet biex jiġi miġġieled ir-riskju ta' oxxillazzjoni eċċessiva tal-prezzijiet, xi delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar l-effettività tiegħu, b'xi wħud jitolbu kjarifiki fir-rigward ta' kwalunkwe impatt possibbli tal-prezz tal-karbonju taħt l-ETS eżistenti fuq il-prezz tal-karbonju skont is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet proposta għall-bini u t-trasport bit-triq.

Tisħiħ tal-ETS eżistenti u l-ambizzjoni tagħha

Id-delegazzjonijiet jikkunsidraw il-proposti dwar l-aġġustament tal-limitu massimu u ż-żieda tal-fattur lineari ta' tnaqqis bħala elementi ewlenin fit-tisħiħ tal-ambizzjoni tal-ETS. Dawn intlaqgħu tajjeb minn għadd ta' delegazzjonijiet bi wħud minnhom favur li jiġi esplorat kif l-ambizzjoni tista' tiżdied aktar. Fir-rigward tal-aġġustament tal-limitu massimu, kien hemm għadd ta' mistoqsijiet dwar il-kalkolu tiegħu, il-valur ipproġettat f'numri u l-impatt tiegħu, b'xi wħud imħassba li dan jista' jwassal għal żieda qawwija fil-prezz tal-karbonju fis-sena meta jiġi introdott (li għandu jitqies ukoll fid-dawl tal-proposti MSR). Kummenti inizjali dwar iż-żieda ta' 79 miljun kwota għas-settur marittimu fil-limitu massimu ffukaw l-aktar fuq il-kjarifika tal-kalkolu u l-metodoloġija. Tqajmu xi mistoqsijiet dwar l-impatt tal-fattur lineari miżjud ta' tnaqqis.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju/l-allokazzjoni bla ħlas, id-delegazzjonijiet iffukaw fuq il-kisba ta' fehim dettaljat ħafna tal-implikazzjonijiet tal-bidliet proposti. Id-delegazzjonijiet laqgħu l-għan li tiġi evitata l-attivazzjoni tal-fattur ta' korrezzjoni transettorjali u, f'dak ir-rigward, bosta minnhom appoġġaw b'mod espliċitu l-approċċ ta' allokazzjoni bla ħlas aktar immirata. Madankollu, tqajmu xi mistoqsijiet u tħassib dwar il-bidliet proposti. B'mod partikolari, il-proposta li l-allokazzjoni bla ħlas sħiħa għal installazzjonijiet tkun bil-kondizzjoni li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet fl-awditjar tal-enerġija previsti fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED) qajmet kwistjonijiet għal għadd ta' delegazzjonijiet, b'xi wħud jesprimu riżervi qawwija għaliha. Xi wħud argumentaw li din twassal għal trattament differenti u inġust ta' installazzjonijiet taħt is-sistema, u fost l-oħrajn iddikjaraw li l-għan tal-allokazzjoni bla ħlas mhuwiex li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet fl-awditjar tal-enerġija skont l-EED. Xi delegazzjonijiet irrikonoxxew l-oġettiv tal-proposta iżda qajmu kwistjonijiet relatati mal-piż amministrattiv possibbli relatat mal-implimentazzjoni tagħha. Xi delegazzjonijiet kellhom dubji rigward iż-żieda fir-rata massima ta' aġġornament tal-punti ta' riferiment għall-allokazzjoni bla ħlas, peress li kienu mħassba dwar l-impatt fuq l-industrija tagħhom. Barra minn hekk, tqajmu kwistjonijiet dwar pereżempju l-ambitu tal-allokazzjoni bla ħlas relatata maż-żamma għal ħames snin taħt l-ETS ta' ċerti installazzjonijiet li altrimenti jaqgħu barra mill-ambitu wara li jkunu implimentaw miżuri li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tagħhom.

Ingħatat attenzjoni partikolari għall-eliminazzjoni gradwali proposta tal-allokazzjoni bla ħlas fl-ETS għas-setturi koperti mill-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) bil-għan li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tad-WTO tal-miżuri tal-UE kontra r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kummenti inizjali varjaw mis-suġġeriment li tiġi esplorata eliminazzjoni gradwali aktar rapida (li tippermetti introduzzjoni gradwali aktar rapida tas-CBAM) sat-talba għal approċċ kawt, b'xi wħud jindikaw li d-deċiżjoni dwar l-eliminazzjoni gradwali għandha tittieħed biss f'rieżami wara l-fażi pilota tas-CBAM. Id-delegazzjonijiet talbu, fost l-oħrajn, għal kjarifiki dwar kwistjonijiet relatati mal-ekwivalenza bejn it-trattament ta' prodotti manifatturati minn installazzjonijiet taħt l-ETS u prodotti importati, filwaqt li ssottolinjaw il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-mekkaniżmu tas-CBAM jipprovdi l-istess protezzjoni mir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju bħall-allokazzjoni mingħajr ħlas. Saru ħafna mistoqsijiet dwar l-impatt tat-tneħħija gradwali fuq il-kompetittività tal-produtturi tal-UE fis-swieq tal-esportazzjoni.

Fir-rigward tas-setturi marittimi u tal-avjazzjoni, l-enfasi kienet fuq il-valutazzjoni sħiħa tal-proposti, b'mod partikolari f'termini tal-kontribut tagħhom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-impatti tagħhom fuq is-setturi u l-kompetittività, filwaqt li jitqiesu il-kuntest internazzjonali u ċ-ċirkostanzi nazzjonali (pereżempju kwistjonijiet ta' konnettività). Fir-rigward tal-interkonnessjonijiet ma' fajls oħra, xi delegazzjonijiet appellaw għal valutazzjoni tal-impatti kumulattivi tal-proposti dwar l-ETS, ReFuelEU Aviation, FuelEU Maritime u dwar it-tassazzjoni tal-enerġija.

Id-delegazzjonijiet ġeneralment jirrikonoxxu l-ħtieġa li t-trasport marittimu jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. B'mod ġenerali, kien hemm appoġġ għall-inklużjoni tat-trasport marittimu fl-ETS filwaqt li fl-istess ħin ġiet enfasizzata l-importanza li tiġi salvagwardjata l-kompetittività tal-industrija tat-trasport marittimu tal-UE u li jiġu meqjusa ċ-ċirkostanzi nazzjonali u ġeografiċi speċifiċi. Madankollu, għal xi wħud, l-inklużjoni u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu jgħolqu sfidi u riskji partikolari. Għadd ta' delegazzjonijiet talbu li tingħata ħarsa mill-qrib lejn il-modalitajiet għall-inklużjoni (pereżempju l-introduzzjoni gradwali tas-sistema, id-distribuzzjoni tad-drittijiet tal-irkant, u l-entità responsabbli għaċ-ċediment tal-kwoti), filwaqt li jiġi żgurat appoġġ adegwat għar-riċerka u l-innovazzjoni u jiġi ddedikat id-dħul mill-irkant għall-ekoloġizzazzjoni tas-settur.

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni propost u l-livell ta' ambizzjoni tal-estensjoni tal-ETS għat-trasport marittimu, id-delegazzjonijiet talbu kjarifiki dwar il-kopertura proposta ta' 50 % ta' vjaġġi barra mill-UE u xi wħud xtaqu jesploraw żieda fl-ambizzjoni (pereżempju emissjonijiet mhux tas-CO₂ u l-inklużjoni tal-bastimenti taħt it-5000 tunnellata).

Għadd ta' delegazzjonijiet esprimew ukoll dubji dwar jekk il-miżuri proposti biex jiġu miġġielda t-tentattivi mill-atturi tas-suq biex inaqqsu l-esponiment tagħhom għall-ipprezzar tal-karbonju, b'mod partikolari billi jiffavorixxu portijiet mhux tal-UE qrib l-Istati Membri jew billi jaqilbu għal modi oħra ta' trasport ("evażjoni tal-karbonju"), humiex suffiċjenti u appellaw għal aktar miżuri. F'dak il-kuntest, ħafna delegazzjonijiet issottolinjaw il-ħtieġa li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-industrija tat-trasport marittimu tal-UE.

Xi delegazzjonijiet staqsew jekk il-klawżola ta' reviżjoni tippermettix il-possibbiltà ta' allinjament sħiħ ma' miżura futura bbażata fuq is-suq maqbula fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, filwaqt li insistew dwar il-ħtieġa ta' reazzjoni għal kwalunkwe żvilupp rilevanti f'dak ir-rigward.

Xi delegazzjonijiet talbu għal aktar informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet proposti rigward l-entità regolata, l-awtorità amministrattiva, kif ukoll l-infurzar u l-penali, u b'mod partikolari jekk dawn tal-aħħar humiex proporzjonati u allinjati mal-proċeduri internazzjonali. Barra minn hekk, tqajmu kwistjonijiet dwar l-impatt fuq il-prezzijiet tat-trasport marittimu u ż-żieda potenzjali fil-piż amministrattiv għall-kumpaniji u l-awtoritajiet.

Fir-rigward tal-proposta "ETS Aviation", l-eżami inizjali ffoka fuq mistoqsijiet pjuttost dettaljati u tekniċi biex jiġu ċċarati diversi dispożizzjonijiet tal-proposta u l-impatt tagħha, inkluż fuq il-kompetittività u l-konsumaturi. L-għan ta' aktar dekarbonizzazzjoni tas-settur filwaqt li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ġusti għal-linji tal-ajru Ewropej f'suq globali, huwa appoġġat b'mod ġenerali. B'mod speċifiku, dwar iż-żewġ karatteristiċi ewlenin tal-proposta, jiġifieri t-tneħħija gradwali tal-allokazzjoni bla ħlas għall-avjazzjoni u l-implimentazzjoni tal-CORSIA:

- Hemm rikonoxximent ġenerali li jeħtieġ li titneħħa gradwalment l-allokazzjoni bla ħlas, madankollu, xi wħud jiffavorixxu tneħħija gradwali aktar bil-mod, anke fid-dawl tal-COVID-19, u jappellaw għal appoġġ adegwat għas-settur. Diversi delegazzjonijiet oħra appoġġaw il-proposta għat-tranżizzjoni għal irkant sħiħ, jew jippreferu tneħħija gradwali aktar rapida jew saħansitra immedjata.
- Dwar il-proposta biex il-CORSIA tiġi applikata kif xieraq permezz tad-Direttiva ETS, saru ftit mistoqsijiet dwar l-opzjoni magħżula fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni (jiġifieri l-applikazzjoni tal-CORSIA għal titjiriet barra miż-ŻEE u t-tkomplija tal-applikazzjoni tal-ETS fuq titjiriet ġewwa ż-ŻEE u titjiriet li jtilqu lejn ir-Renju Unit u l-Iżvizzera). Il-kummenti ffukaw fuq it-tiftix ta' kjarifiki dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni, b'mod partikolari dwar il-koerenza mal-ambizzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-allinjament mal-CORSIA. Il-mistoqsijiet iffukaw, fost l-oħrajn, fuq il-kwalità tal-krediti u t-terminoloġija relatata mal-krediti, il-pajjiżi koperti u l-linja bażi.

Kummenti inizjali dwar il-proposti dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) ikkonċentraw, fost l-oħrajn, fuq l-impatt tal-proposti dwar l-ipprezzar tal-karbonju. Minn naħa, il-kummenti ffukaw fuq l-iżgurar ta' sinjal qawwi tal-prezzijiet biex jirfed ETS ambizzjuż, u, min-naħa l-oħra, fuq il-mitigazzjoni kontra x-xokkijiet fil-prezzijiet, b'mod partikolari żidiet qawwija fil-prezzijiet, b'xi wħud jistaqsu wkoll dwar l-impatti kumulattivi tal-aġġustament tal-limitu massimu u l-bidliet fl-MSR fis-sena tal-aġġustament. Għal dan il-għan, saru wkoll xi mistoqsijiet dwar il-bidliet proposti fil-parametri tad-disinn, inkluż il-livell limitu biex jiskatta l-intervent tal-MSR u għaliex f'dak ir-rigward il-limiti massimi mhumieq qed jitnaqqsu. Oħrajn staqsew jekk ikunx aktar xierqa kriterji oħra, b'mod partikolari l-livelli tal-prezzijiet tal-karbonju, biex jiskattaw intervent. Delegazzjoni waħda ssuġġeriet li l-MSR għandha titqies bħala strument biex jiġi indirizzati l-iżbilanċi bejn id-dħul u l-ispejjeż imħallsa mill-installazzjonijiet tal-ETS fl-Istati Membri li huma benefiċjarji tal-Fond għall-Modernizzazzjoni.

Dwar il-proposta separata għal deċiżjoni dwar l-MSR li tkompli r-rata doppja ta' konsum ta' 24 % sal-2030, diversi delegazzjonijiet esprimew b'mod espliċitu l-appoġġ tagħhom għall-proposta, filwaqt li fakkru fil-ħtieġa li jitkompla jitneħħa s-surplus storiku, filwaqt li xi delegazzjonijiet indikaw li għandhom tħassib sinifikanti dwar l-impatt tagħha.

Fl-isfond taż-żieda qawwija reċenti fil-prezzijiet tal-enerġija, għadd ta' delegazzjonijiet issottolinjaw il-ħtieġa li, bħala prijetà, jissaħħaħ l-Artikolu 29a dwar "Miżuri f'każ li jkun hemm oxxillazzjonijiet kbar fil-prezzijiet" (mhux parti mill-proposta tal-Kummissjoni) biex dan isir aktar reattiv. Xi wħud talbu wkoll li tiġi indirizzata l-ispekulazzjoni possibbli fis-suq tal-ETS. Oħrajn wissew kontra miżuri li jistgħu jdgħajfu jew saħansitra jxekklu l-funzjonament tal-ETS. Għadd ta' delegazzjonijiet iqisu li d-diskussjoni dwar iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija m'għandhiex issir fil-qafas tal-pakkett "leste għall-mira ta' 55 %".

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-ETS, id-diskussjonijiet iffukaw prinċipalment fuq id-daqs, is-sorsi, l-ambitu u d-distribuzzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni u l-Fond għall-Innovazzjoni, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-allokazzjoni.

Diversi delegazzjonijiet laqgħu ż-żieda proposta tal-Fond għall-Modernizzazzjoni b'xi wħud jissuġġerixxu żieda ulterjuri, filwaqt li oħrajn talbu valutazzjoni tal-użu tal-finanzjament, inklużi l-effetti mistennija ta' tali żieda fuq il-mitigazzjoni tal-klima. L-esklużjoni proposta tal-appoġġ għal investimenti relatati ma' kwalunkwe fjuwils fossili (mhux biss fjuwils fossili solidi) mill-finanzjament taħt il-Fond għall-Modernizzazzjoni hija appoġġata b'mod espliċitu minn diversi delegazzjonijiet, filwaqt li għadd ta' delegazzjonijiet esprimew riżervi qawwija, b'xi wħud ifakkru fir-referenza fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2020, dwar ir-rwol ta' teknoloġiji tranżizzjonali bħall-gass.

Iż-żieda tal-Fond għall-Innovazzjoni ntlaqgħet tajjeb minn diversi, filwaqt li oħrajn qajmu dubji dwarha. Xi wħud qajmu tħassib dwar is-sorsi tal-Fond għall-Innovazzjoni, b'mod partikolari minn kwoti mill-ETS separata dwar il-bini u t-trasport bit-triq, u kwoti li jirriżultaw mit-tnaqqis fl-allokazzjoni bla ħlas lis-setturi inklużi fis-CBAM.

B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet jilqgħu l-kjarifika li s-setturi kollha taħt l-ETS jistgħu jibbenefikaw mill-Fond għall-Innovazzjoni, kif ukoll l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni biex ikun jista' jipprova appoġġ għal proġetti permezz ta' mekkaniżmi ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi bħal Kuntratt għad-differenza għall-karbonju. Xi wħud ikkunsidraw li b'mod partikolari s-settur tat-trasport marittimu bħala settur ġdid taħt l-ETS jeħtieġ li jibbenefika minn finanzjament adegwat, pereżempju permezz ta' allokazzjoni. Sar ukoll suġġeriment għat-twaqqif ta' fond speċifiku għall-appoġġ tat-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur marittimu. Xi wħud talbu għal aktar bilanċ ġeografiku fid-distribuzzjoni tal-proġetti taħt il-Fond għall-Innovazzjoni.

Diversi delegazzjonijiet talbu kjarifiki dwar l-allokazzjoni obbligatorja tad-dħul kollu mill-irkant għal finijiet relatati mal-klima u l-enerġija, filwaqt li enfasizzaw kwistjonijiet ta' kompatibbiltà mal-prinċipji baġitarji nazzjonali. Ħafna enfasizzaw li d-dispożizzjonijiet finanzjarji jridu jiġu vvalutati fid-dawl tal-proposta li jmiss tal-Kummissjoni dwar id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji u l-implikazzjonijiet tagħha fuq is-sehem tad-dħul mill-irkant tal-Istati Membri. Saru wkoll kummenti simili għad-dħul mistenni mill-ETS separata proposta għall-bini u t-trasport bit-triq, inkluż l-allokazzjoni tagħhom.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra, huwa nnotat li l-installazzjonijiet li jużaw il-bijomassa huma prijorità partikolari għal xi delegazzjonijiet. F'dak il-kuntest, xi delegazzjonijiet esprimew tħassib li l-valur limitu aktar baxx propost ta' 95 % għall-kombustjoni tal-bijomassa b'rata zero ser joħloq inċentivi għal dawn l-installazzjonijiet biex jużaw il-fjuwils fossili.

ii) Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR)³

8. L-għan ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jiżdied il-kontribut tal-ESR għall-ambizzjoni klimatika globali tal-UE għall-2030 billi tiġi stabbilita mira ġdida fil-livell tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi koperti mill-ESR ta' 40 % (mid-29 % attwali), meta mqabbel mal-2005, u li jiġu aġġornati l-miri nazzjonali tal-Istati Membri skont dan.

Il-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Jessica Polfjård (PPE, SE) bħala Rapporteur għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI). Il-ħidma fuq il-fajl tinsab fi stadju bikri u skont l-informazzjoni disponibbli, ma ġiet ikkomunikata l-ebda skeda finali.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni ġew ikkonsultati dwar il-proposti iżda għad iridu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

Matul il-Presidenza Slovena, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha fi tliet laqgħat, li ppermettew it-tlestija tal-ewwel qari preliminari tal-proposta. Filwaqt li hemm appoġġ ġenerali għall-ambizzjoni globali akbar tal-proposta, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet għadhom qed jistudjaw il-proposta f'aktar dettall u għalhekk il-fehmiet jew il-pożizzjonijiet tagħhom huma preliminari f'dan l-istadju.

Għalhekk, id-diskussjonijiet iffukaw fuq il-kjarifika tal-elementi l-ġodda tal-proposta meta mqabbla mal-ESR eżistenti. Matul il-laqgħat li saru s'issa, il-Kummissjoni ppruvat tipprova kjarifiki u tweġibiet għall-mistoqsijiet li saru mid-delegazzjonijiet li huma relatati b'mod partikolari mal-miri proposti, il-flessibiltajiet u r-riżerva addizzjonali, inkluż fir-rigward ta' proposti oħra tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %".

³ Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi (dok. 10867/21 + ADD 1-4)

Il-proposta żżomm il-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-ESR, li jinkludi t-trasport bit-triq u l-bini. Fil-prinċipju, id-delegazzjonijiet jilqgħu l-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni ma nbidilx iżda appellaw għal informazzjoni addizzjonali dwar l-interazzjoni bejn l-ESR u l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għdid propost għall-bini u t-trasport bit-triq. Skont il-Kummissjoni, l-estensjoni simultanja tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet għal dawn iż-żewġ setturi skont ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva tal-ETS ser tappoġġa lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri tagħhom tal-ESR minflok ma jissostitwixxuhom.

L-approċċ użat biex jiġu aġġornati l-miri nazzjonali proposti tal-Istati Membri għadu bbażat fuq il-PDG per capita b'korrezzjonijiet limitati biex jitqies it-tħassib dwar il-kosteffiċjenza. Filwaqt li xi delegazzjonijiet jilqgħu l-fatt li l-PDG per capita jibqa' l-bażi għall-kalkolu, xi oħrajn huma mħassba li l-metodoloġija użata ma tirriflettix biżżejjed il-kriterju tal-kosteffiċjenza jew tikkontribwixxi għall-konverġenza matul iż-żmien b'mod partikolari minħabba li l-firxa fil-mira ta' 40 punti perċentwali ma tinbidilx mill-ESR eżistenti. Xi delegazzjonijiet indikaw li huma jqisu l-miri l-ġodda rispettivi tagħhom bħala ta' sfida kbira. Fuq talba tad-delegazzjonijiet, il-Kummissjoni pprovdiet xi informazzjoni u referenzi addizzjonali għad-data dwar il-kalkolu tal-miri nazzjonali.

Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet esprimew tħassib li r-reviżjoni proposta tad-data dwar l-emissjonijiet mill-inventarji nazzjonali, proposta li ssir fl-2025, u sussegwentement l-aġġustament mill-għdid tal-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet annwali tal-Istati Membri għas-snin 2026-2030 jistgħu jwasslu għal inċertezza għall-Istati Membri. L-aġġustament mill-għdid, bħala parti mill-aġġornament tekniku tal-qafas għall-istabbiliment tal-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet annwali tal-Istati Membri, huwa propost għar-raġuni li l-impatti tal-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru minnha fuq l-ekonomija u l-livell ta' emissjonijiet tal-UE mhumieq magħrufa u għadhom ma jistgħux jiġu kkwantifikati bis-siġur. Skont il-Kummissjoni, l-aġġustament mill-għdid għandu l-għan li jiżgura li l-ammont ta' allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet xorta jippermetti trasferimenti bejn l-Istati Membri u jqis il-possibbiltà ta' rkupru filwaqt li jevita l-akkumulazzjoni ta' surpluses eċċessivi.

Fir-rigward tal-flessibbiltajiet previsti fl-ESR, id-delegazzjonijiet b'mod ġenerali jaqblu li l-flessibbiltajiet ser ikollhom rwol importanti f'termini ta' għajnuna lill-Istati Membri biex jilhqg l-miri nazzjonali tagħhom b'mod kosteffettiv filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità ambjentali. Il-proposta tal-Kummissjoni żżomm il-flessibbiltajiet ġenerali (il-banek u s-self, l-iskambju ta' allokazżjonijiet tal-emissjonijiet annwali bejn l-Istati Membri) filwaqt li qed jiġu proposti xi bidliet fil-flessibbiltà tal-ETS (aċċess akbar għal Malta) u l-flessibbiltà tal-LULUCF li tippermetti lill-Istati Membri jużaw ammont limitat ta' assorbimenti netti mis-settur tal-LULUCF għall-konformità mal-mira tagħhom skont l-ESR. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, diversi delegazzjonijiet talbu kjarifika ulterjuri tal-bidliet proposti għall-flessibbiltà tal-LULUCF u r-raġuni wara l-qsim tal-ammont massimu totali tal-flessibbiltà bejn iż-żewġ perijodi ta' konformità ta' ħames snin mingħajr ma tiġi pprovduta l-ebda possibbiltà għal riport mill-ewwel perijodu (2021-2025) għat-tieni (2026-2030). Skont il-Kummissjoni, dan huwa marbut mal-bidla fil-metodoloġija tal-kontabbiltà proposta fir-Regolament LULUCF għall-perijodu 2026-2030 kif ukoll mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Il-proposta fiha wkoll riżerva volontarja ġdida li tkun magħmula minn kwalunkwe krediti tal-LULUCF li jibqgħu ma jintużawx fi tmiem it-tieni perijodu ta' konformità. L-Istati Membri jista' jkollhom aċċess għar-riżerva sabiex jikkonformaw mal-mira tagħhom tal-ESR 2030 bil-kondizzjoni li l-UE tkun laqet il-mira kumplessiva tagħha għall-2030 filwaqt li jitqies il-limitu massimu għall-kontribuzzjoni tal-assorbimenti netti skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Diversi delegazzjonijiet talbu wkoll għal aktar informazzjoni dwar l-għan tar-riżerva addizzjonali l-ġdida, il-funzjonament u l-potenzjal mistenni tagħha li tgħin lill-Istati Membri jikkonformaw mal-miri tagħhom tal-ESR, filwaqt li jiddispjaċihom dwar in-nuqqas ta' prevedibbiltà għall-Istati Membri peress li mhux ser ikunu jafu dwar id-disponibbiltà tagħha sa tmiem il-proċess ta' konformità.

Minbarra l-mistoqsijiet dwar il-funzjonament konkorrenti tal-flessibbiltajiet previsti fil-proposti tal-ESR u tal-LULUCF, xi delegazzjonijiet staqsew jekk ikunx possibbli li jżied l-użu jew l-aċċess għall-flessibbiltà ta' darba bejn l-ETS u l-ESR biex tissaħħaħ il-kosteffiċjenza tat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

iii) Ir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF)⁴

9. L-għan ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li ssaħħaħ il-kontribut tas-settur tal-LULUCF għall-ambizzjoni klimatika globali miżjuda tal-UE għall-2030 billi tistabbilixxi mira fil-livell tal-UE ekwivalenti għal 310 miljun tonnallata ta' CO₂ fl-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF fl-2030.

Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) huwa l-kumitat ewlieni, bis-Sur Ville Niinistö (Ħodor/EFA, FI) maħtur bħala Rapporteur. Is-Sur Norbert Lins (PPE, DE) inħatar bħala Rapporteur għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (AGRI), li huwa kumitat assoċjat b'kompetenza kondiviża dwar dispożizzjonijiet speċifiċi (l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 4(4)). Il-ħidma fuq il-fajl għadu fi stadju bikri u skont l-informazzjoni disponibbli bħalissa, ma ġiet ikkomunikata l-ebda skeda finali.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni ġew ikkonsultati dwar il-proposti iżda għad iridu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

⁴ Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, ir-rappurtar, l-intraċċar tal-progress u r-rieżami (dok. 10857/21 + ADD 1-4).

Matul il-Preidenza Slovena, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina l-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha f' erba' laqgħat, li ppermettew it-tlestija tal-ewwel qari preliminari tal-proposta. F'dan l-istadju, il-fehmiet espressi mid-delegazzjonijiet huma fil-bieċa l-kbira preliminari u d-diskussjonijiet fil-livell tekniku dwar il-proposta tal-Kummissjoni ffokaw l-aktar fuq il-kjarifika tal-emendi proposti għar-Regolament eżistenti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-bidliet sinifikanti fir-reġim ġenerali mill-2026 'il quddiem. Ħafna mill-mistoqsijiet u t-tħassib espressi s'issa huma relatati mal-miri nazzjonali għall-2030, il-qafas previst għal wara l-2030, il-flessibbiltajiet imfassla biex jgħinu lill-Istati Membri jikkonformaw mal-miri tagħhom (inkluż l-interazzjoni mal-flessibbiltajiet u r-riżerva addizzjonali proposta fl-ESR), il-mekkaniżmu ta' konformità u penali kif ukoll ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u rappurtar.

Mill-2021 sal-2025, il-proposta żżomm ir-regola attwali ta' "ebda dejn", li jfisser li l-Istati Membri jridu jiżguraw li s-somma tal-emissjonijiet totali ma taqbiżx is-somma tal-assorbimenti totali ġġenerati mis-settur wara l-applikazzjoni tar-regoli ta' kontabbiltà rilevanti u l-flessibbiltà mas-settur tal-ESR. Għall-perijodu 2026-2030, il-proposta tistabbilixxi mira fil-livell tal-UE ekwivalenti għal 310 miljun tunnellata ta' CO₂ ta' assorbimenti netti fis-settur tal-LULUCF sal-2030. Dik il-mira hija mqassma bejn l-Istati Membri bħala miri nazzjonali vinkolanti bbażati fuq il-prestazzjoni attwali tal-mitigazzjoni tas-settur tal-LULUCF tagħhom u s-sehem tagħhom ta' żona tal-art ġestita fl-UE. Fl-2025, il-Kummissjoni tipproponi li tadotta att ta' implimentazzjoni li jiddetermina l-miri annwali għal kull Stat Membru, abbażi ta' trajettorja lineari. Mill-2031 'il quddiem, il-Kummissjoni tipproponi li l-emissjonijiet mhux tas-CO₂ tas-settur tal-agrikoltura jingħaqdu mal-assorbimenti u l-emissjonijiet skont il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament LULUCF biex jinħoloq pilastru uniku ġdid li jkopri l-Użu tal-Art, il-Forestrija u l-Agrikoltura. Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi l-għan tan-newtralità klimatika sal-2035 fil-livell tal-UE fis-settur ikkombinat. Barra minn hekk, il-proposta tiddefinixxi proċess li bih, sa tmiem l-2025, il-Kummissjoni ser tippreżenta proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-mira tan-newtralità klimatika fis-settur tal-art ikkombinat.

Id-delegazzjonijiet ġeneralment jirrikonoxxu r-rwol importanti tas-settur LULUCF fil-politika tal-UE dwar il-klima u ż-żieda fl-ambizzjoni ġenerali tagħha. Madankollu, fil-fehmiet inizjali tagħhom, għadd ta' delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar il-miri nazzjonali proposti għall-2030, inkluż il-livell ta' ambizzjoni tagħhom, il-kriterji użati fil-kalkolu tagħhom, u l-mekkaniżmu ta' konformità ġdid propost. Ħafna staqsew kif il-karatteristiċi nazzjonali bħall-kundizzjonijiet ġeografiċi naturali u l-istruttura tal-età tal-foresti, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat it-titjib fit-tul tal-bjar, ġew ikkunsidrati fid-distribuzzjoni fil-mira. Il-maġġoranza tad-delegazzjonijiet hija mħassba li l-proċess propost għall-istabbiliment sussegwenti ta' miri annwali għas-snin 2026-2029 abbażi ta' trajettorja lineari mhuwiex adatt għal settur ikkaratterizzat minn varjazzjonijiet kbar interannwali u li għal din l-istess raġuni ma jkunx adatt li tiġi vverifikata l-konformità ma' sena waħda. Diversi delegazzjonijiet esprimew ukoll tħassib dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu propost ta' korrezzjonijiet tekniċi u talbu għal aktar informazzjoni dwar il-proċess u l-eżiti previsti. F'dan l-istadju, għad hemm bosta mistoqsijiet dwar il-qafas previst għal wara l-2030, li xi delegazzjonijiet iqisu li jista' jkun prematur li jiġi inkluż f'din il-proposta.

Id-diskussjonijiet dwar il-flessibbiltajiet s'issa ffukaw fuq il-kjarifika tal-aspetti tekniċi tagħhom u l-bidliet fil-flessibbiltajiet eżistenti wara l-2025, kif ukoll fuq il-kisba ta' fehim aħjar tar-rabtiet bejn il-flessibbiltajiet fil-proposti tal-ESR u tal-LULUCF, inkluż fil-kuntest tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Mill-2026, mhux ser ikun aktar possibbli li s-surpluses tal-assorbimenti jiġu ttrasferiti mill-perijodu 2021-2025 għall-perijodu 2026-2030. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jinnegozjaw is-surpluses tagħhom. Il-flessibbiltà eżistenti tal-użu tal-art ser issir aktar komprensiva fit-tieni perijodu billi jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni minn Art Forestali Ġestita għall-kategoriji kollha ta' rappurtar tal-art. Il-kwantità totali possibbli tal-flessibbiltà ser tinqasam fi tnejn u l-użu tagħha ser ikun soġġett għall-konformità fil-livell tal-UE mal-miri għaż-żewġ perijodi. Fit-tieni perijodu, il-flessibbiltà fl-użu tal-art hija maħsuba biex tiffunzjona bħala strument ta' flessibbiltà uniku u tista' tintuża biex tiġi livellata l-fluttwazzjoni bejn is-snin. Barra minn hekk, jista' jintuża mekkaniżmu addizzjonali taħt ċerti kondizzjonijiet biex jgħin lill-Istati Membri li jiffaċċjaw disturbi naturali fiż-żewġ perijodi.

B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet jirrikonoxxu li l-flessibbiltajiet, b'mod partikolari għal avvenimenti ta' disturb naturali, ser ikunu importanti ħafna biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-Istati Membri mal-ambizzjoni msaħħa wara l-2025. Madankollu, huma esprimew tħassib dwar jekk il-flessibbiltajiet proposti humiex ser ikunu adegwati f'dan ir-rigward, b'mod partikolari fejn id-disponibbiltà tal-flessibbiltà tiddependi fuq il-kisba tal-mira ġenerali tal-UE. Tqajmu mistoqsijiet dwar il-waqfien tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jittrasferixxu l-assorbimenti tal-LULUCF żejda mill-perjodu ta' "ebda dejn" tal-2021-2025 għall-użu fil-perjodu 2026-2030, kif ukoll dwar il-fatt li l-proposta ma tippermettix it-trasferiment ta' assorbimenti ta' surplus fit-tieni perjodu ta' konformità fil-kuntest tal-miri annwali.

Il-proposta tinkludi emendi għar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija (UE) 2018/1999⁵, li fih ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra u għat-traċċar tal-progress tal-Istati Membri lejn il-miri tagħhom skont ir-Regolament LULUCF. Dawn l-emendi jinkludu miżuri biex tiżdied il-preċiżjoni tal-monitoraġġ u r-rappurtar u r-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet u l-assorbimenti bl-użu ta' teknoloġiji avvanzati disponibbli taħt il-programmi tal-Unjoni bħal Copernicus, u data diġitali miġbura skont il-Politika Agrikola Komuni. Bl-għajjn tad-data l-ġdida li saret disponibbli wara l-applikazzjoni tar-rekwiżiti l-ġodda għas-sistemi tal-inventarju, l-Istati Membri ser ikunu meħtieġa wkoll jipprovdu informazzjoni addizzjonali fir-rapporti ta' konformità tagħhom relatati maż-żewġ perjodi, rispettivament fl-2027 u fl-2032, inkluża valutazzjoni tas-sinerġiji u l-kompromessi bejn il-politiki u l-miżuri nazzjonali, bil-għan li nimxu lejn miżuri aktar orjentati lejn il-politika minflok ma tiġi żgurata biss il-koerenza fil-livell tal-kontabbiltà.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p.1).

Id-delegazzjonijiet esprimew tħassib li r-rekwiżiti l-ġodda ta' monitoraġġ u rappurtar jirriskjaw li jżidu b'mod sinifikanti l-kumplexità tal-inventarju tal-gassijiet b'effett ta' serra, xi wħud jindikaw li l-informazzjoni meħtieġa għandha tkun limitata għal dak meħtieġ biex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-progress u r-rieżami tal-emissjonijiet u l-assorbimenti fis-settur. Diversi delegazzjonijiet huma mħassba wkoll li r-rekwiżiti l-ġodda jistgħu jwasslu għal spejjeż addizzjonali, piż amministrattiv jew xogħol doppju. B'mod ġenerali, id-delegazzjonijiet iqisu li hija meħtieġa aktar diskussjoni fil-livell tekniku biex wieħed jifhem aħjar ir-rekwiżiti u l-implikazzjonijiet tagħhom.

iv) Regolament dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u l-vannijiet⁶

10. Il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi għaż-żieda fl-ambizzjoni ġenerali tal-UE billi żżid il-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2030 tal-karozzi u l-vannijiet ġodda u billi tintroduċi mira ta' 100 % għall-2035, biex b'hekk tistimula l-innovazzjoni u tiżgura li l-industrija Ewropea tal-karozzi żżomm u ssaħħaħ il-kompetittività globali tagħha. Iż-żieda fl-ambizzjoni ser tappoġġa fost l-oħrajn lill-Istati Membri biex jilhqqu l-miri nazzjonali vinkolanti tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel huwa inkarigat mill-proposta. Jan Huitema (Renew, NL) inħatar rapporteur. Il-ħidma fuq il-fajl tinsab fi stadju bikri u skont l-informazzjoni disponibbli, ma ġiet ikkomunikata l-ebda skeda finali.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni ġew ikkonsultati dwar il-proposta iżda għad iridu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (dok. 10906/21 + ADD 1-5).

Matul il-Presidenza Slovena, saru tliet laqgħat fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent biex jeżaminaw il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha, inkluż eżami artikolu b'artikolu. Filwaqt li d-diskussjonijiet inizjali ċċaraw għadd ta' kwistjonijiet, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet għadhom qed jistudjaw il-proposta u għalhekk il-fehmiet jew il-pożizzjonijiet tagħhom huma fil-biċċa l-kbira preliminari. Madankollu, id-diskussjonijiet inizjali żvelaw preferenzi fir-rigward tal-ambizzjoni għal-livelli fil-mira. Madankollu, għandu jiġi nnotat li xi delegazzjonijiet ma pprovdewx jew ipprovdew biss parzjalment indikazzjonijiet preliminari dwar il-livelli fil-mira proposti.

Hemm fehim ġenerali li s-settur awtomobilistiku għandu jikkontribwixxi għaż-żieda ġenerali fl-ambizzjoni klimatika tal-UE għall-2030 u l-2050. Għal għadd ta' delegazzjonijiet, il-proposta hija essenzjali biex tinkiseb l-ambizzjoni ġenerali u biex jintlaħqu l-miri nazzjonali miżjuda tagħhom skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Għadd ta' delegazzjonijiet issottolinjaw li l-ambizzjoni għandha tiġi eżaminata b'mod koerenti ma' proposti oħra fil-pakkett "lesti għall-mira ta' 55%" u b'mod partikolari mal-proposta dwar ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR).

Il-fokus tad-diskussjonijiet kien il-miri miżjuda, inkluż b'mod partikolari l-mira ta' 100 % għall-2035, li tirrikjedi li l-karozzi u l-vannijiet ġodda kollha jkunu vetturi b'emissjonijiet zero sa dik id-data u dan de facto jinvolvi t-tneħħija gradwali tal-magna ta' kombustjoni interna.

Diversi delegazzjonijiet appellaw għal jew setgħu jappoġġaw livell ogħla ta' ambizzjoni, bl-argument li aċċellerazzjoni aktar rapida lejn vetturi b'emissjonijiet zero hija kemm possibbli kif ukoll meħtieġa fid-dawl tal-ambizzjoni ġenerali. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota b'mod partikolari li l-vetturi mingħajr emissjonijiet diġà qed isiru disponibbli b'mod ġenerali, u l-adozzjoni tagħhom mis-suq hija mistennija li tiżdied b'mod sinifikanti. Żieda fl-ambizzjoni tgħin biex titħaffef kemm l-implimentazzjoni kif ukoll l-affordabbiltà ta' daww il-vetturi, inkluż fis-suq tal-karozzi użati. B'mod partikolari, dawn id-delegazzjonijiet jixtiequ javvanzaw il-mira ta' 100 % għall-2030. Xi wħud staqsew dwar il-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jadottaw miżuri addizzjonali fil-livell nazzjonali (xi Stati Membri għandhom politiki/pjanijiet għal eliminazzjoni gradwali aktar kmieni minn dik proposta mill-Kummissjoni). Xi delegazzjonijiet issuġġerew li jiżdiedu l-miri għall-2025 u li tiġi stabbilita mira interim bejn l-2025 u l-2030, filwaqt li jiddubitaw ukoll il-miri differenzjati għall-karozzi u l-vannijiet fl-2030.

Min-naħa l-oħra, delegazzjonijiet oħrajn appoġġaw iż-żamma tal-miri attwali għall-2025 u l-miri differenzjati għall-karozzi u l-vannijiet, kif propost mill-Kummissjoni.

Xi delegazzjonijiet indikaw mill-inqas appoġġ preliminari għal-livell ta' ambizzjoni propost, għalkemm xi wħud b'ċerti riżervi jew sfumaturi. Sar suġġeriment li l-mira tal-2035 ta' 100 % għandha tkun akkumpanjata minn xi tip ta' deroga għall-vetturi b'emissjonijiet baxxi bl-aqwa prestazzjoni sal-2039.

Għal għadd ta' delegazzjonijiet, il-livell ta' ambizzjoni propost huwa sors ta' tħassib, b'mod partikolari l-mira ta' 100 % għall-2035, li xi wħud iqisu espliċitament inaċċettabbli. Fir-rigward tal-miri tal-2030, s'issa xi wħud indikaw li ma jaqblux mal-proposta tal-Kummissjoni. It-tħassib espress jiffoka fuq jekk it-tneħħija gradwali tal-magna ta' kombustjoni interna hijiex prematura u hemm bżonn ta' aktar żmien, xi wħud jissuġġerixxu li deċiżjoni dwar l-eliminazzjoni gradwali għandha tittieħed biss fil-kuntest tar-rieżami li jmiss li jista' jiġi avanzat għall-2026. Dawn id-delegazzjonijiet enfasizzaw għadd ta' konsiderazzjonijiet f'dan il-kuntest, b'mod partikolari l-ħtieġa li jittieħed kont tas-sitwazzjonijiet differenti tal-Istati Membri fir-rigward tal-adozzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero minħabba d-disparitajiet fl-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u fil-kapaċità tal-akkwist; U li t-tneħħija gradwali tal-magna ta' kombustjoni interna tmur kontra l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Ġie enfasizzat ukoll li l-impatt tal-bidla fil-manifattura u t-telf konsegwenti ta' impjiegi għandu jiġi kkunsidrat, u dan jirrikjedi azzjoni sostanzjali fost l-oħrajn fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema. Barra minn hekk, tqajmu kwistjonijiet ta' affordabbiltà tal-elettriku u d-disponibbiltà ta' batteriji u materja prima.

Kien hemm sejħa biex jitqies l-impatt tal-proposta fuq is-suq tal-karozzi użati ta' ċerti Stati Membri, li tenfasizza li l-adozzjoni aktar mgħaġġla ta' karozzi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero fi Stati Membri bi dħul ogħla tista' twassal għal żieda fl-esportazzjoni ta' karozzi aktar qodma li jniġġsu aktar fi Stati Membri bi dħul baxx. Filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-kwistjoni ma tistax tiġi ttrattata f'dan ir-Regolament, huwa ssuġġerit li l-Kummissjoni timmonitorja eż. fil-kuntest tar-rapport ta' progress/proċess ta' rieżami u tħares aktar mill-qrib lejn soluzzjonijiet possibbli.

Xi delegazzjonijiet appellaw għal jew jistgħu jappoġġaw inklużjoni tal-kontribut ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-valutazzjoni tal-konformità tal-manifatturi tal-vetturi mal-miri tagħhom. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet jappoġġaw bil-qawwa l-argumenti tal-Kummissjoni kontra dan, inkluż li dawn il-fjuwils huma diretti aħjar lejn setturi oħra li huma aktar diffiċli biex jiġu dekarbonizzati.

Xi delegazzjonijiet jixtiequ jtemmu l-użu tal-hekk imsejjaħ parametru tal-massa fid-determinazzjoni tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi u għalhekk id-distribuzzjoni tal-isforzi bejniethom.

Fir-rigward tal-mekkaniżmu li jinċentiva l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi maqbul fl-aħħar rieżami tar-Regolament, il-Kummissjoni tipproponi li dan jitneħħa gradwalment sal-2030 meta titqies kemm hi stretta l-mira bħala l-mutur ewlieni għall-adozzjoni tagħhom. Il-kummenti li saru s'issa juru li għadd ta' delegazzjonijiet jappoġġaw dan b'xi wħud favur eliminazzjoni gradwali aktar bikrija u jiddikjaraw li fil-forma preżenti tagħha hemm ir-riskju li ddgħajjef l-ambizzjoni. Oħrajn jargumentaw kontra t-tneħħija gradwali proposta, filwaqt li jenfasizzaw li din tipprovdi inċentivi partikolari biex tippromwovi l-adozzjoni ta' dawn il-vetturi fl-Istati Membri fejn il-livell attwali ta' adoxxjoni huwa baxx. Xi delegazzjonijiet esprimew riżervi dwar it-tmiem tad-deroga tal-manifattur ta' volum żgħir minħabba li għandha benefiċċji limitati ħafna fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet iżda tiegħu kont ta' ċerti karatteristiċi tas-suq. Oħrajn esprimew l-appoġġ tagħhom għall-proposta.

Id-diskussjonijiet inizjali wrew appoġġ għall-avvanz tar-rieżami skedat fl-2028, bid-delegazzjonijiet jippreżentaw għadd ta' kwistjonijiet addizzjonali li għandhom jiġu rieżaminati jew inklużi fir-rapport ta' progress previst ara wkoll id-diskussjonijiet relatati mal-ambizzjoni proposta.

v) Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima⁷ (SCF)

11. Il-proposta għandha l-għan li ttaffi l-impatti soċjali u distributtivi tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq billi tistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima (Regolament SCF) biex jappoġġa unitajiet domestiċi, mikrointrapriżi u utenti tat-trasport vulnerabbli. Abbażi tal-Pjanijiet Soċjali dwar il-Klima li għandhom jiġu żviluppati mill-Istati Membri, hija tappoġġa miżuri u investimenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gruppi vulnerabbli f'dawn is-setturi u tista' tkopri wkoll l-appoġġ temporanju dirett għall-introjt.

Fil-Parlament Ewropew, kemm il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) kif ukoll il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) huma l-kumitati ewlenin fi proċedura ta' kumitat konġunt. Il-Kumitat għall-Baġits (BUDG) huwa Kumitat assoċjat b'kompetenza esklużiva dwar aspetti li jikkonċernaw direttament ir-riżorsi proprji. Esther de Lange (PPE, NL) inġenier rapporteur għall-Kumitat ENVI, David Casa (PPE, MT) għall-Kumitat EMPL u Margarida Marques (S&D, PT) għall-Kumitat BUDG. Ix-xogħol fuq il-proposta għadu fi stadju bikri u skont l-informazzjoni disponibbli, ma ġew ikkomunikati l-ebda skedi ta' żmien finali.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni ġew ikkonsultati dwar il-proposti iżda għad iridu jagħtu l-opinjoni tagħhom.

⁷ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima (dok. 10920/21 + COR1 + ADD 1 + ADD1 COR1).

Il-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-Fond Soċjali għall-Klima (AHWP SCF)⁸ kellu tliet laqgħat dwar ir-regolament tal-SCF matul il-Presidenza Slovena. Id-diskussjonijiet iffukaw fuq il-kjarifika ta' għadd ta' aspetti ġenerali u baġitarji importanti tal-proposta. Filwaqt li hemm rikonoxximent ġenerali tal-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika li ma tħalli lil ħadd lura u li jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet propost għall-bini u t-trasport bit-triq, il-proposta b'mod ġenerali rċeviet reazzjonijiet imħallta. Xi delegazzjonijiet laqgħu l-idea ġenerali li jiġi stabbilit Fond, filwaqt li ħafna qajmu tħassib sinifikanti u fittxew kjarifiki, b'mod partikolari dwar l-interkonnessjonijiet ma' proposti oħra fil-pakkett "lesti għall-mira ta' 55%, id-data li tappoġġa diversi kalkoli fil-proposta u l-impatt fil-livell tal-Istati Membri, b'bosta jiddispaċihom dwar in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt awtonoma. Id-delegazzjonijiet għadhom qed jistudjaw it-test u għalhekk il-kummenti jew il-pożizzjonijiet tagħhom kienu fil-biċċa l-kbira preliminari. Eżami artikolu b'artikolu tal-proposta ser jibda taħt il-Presidenza Franċiża.

Għall-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet, ir-regolament tal-SCF huwa intrinsikament marbut mal-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ġdid propost għas-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq fid-direttiva riveduta dwar l-ETS, b'xi wħud jenfasizzaw ukoll l-impatti soċjali u distributtivi ta' proposti oħra tal-pakkett "lesti Għall-mira ta' 55%", inkluż id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija.

Diversi delegazzjonijiet enfasizzaw li l-finalizzazzjoni tal-pożizzjonijiet nazzjonali dwar ir-regolament SCF ser tkun soġġetta għall-valutazzjoni tal-proposti fil-futur qrib dwar id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji u l-emenda tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2021-2027). Xi delegazzjonijiet qajmu tħassib dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u kkunsidraw li l-fondi eżistenti jistgħu jintużaw biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjali tal-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet propost għall-bini u t-trasport bit-triq. F'dan il-kuntest, għadd ta' delegazzjonijiet indikaw trikkib bejn l-ambitu tal-Fond u strumenti oħra, b'mod partikolari l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll miżuri nazzjonali.

⁸ Il-mandat tiegħu ġie approvat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) fit-8 ta' Settembru 2021 (dok. 11402/2021 + COR1). Taħt l-awtorità tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, l-AHWP SCF jirrapporta lill-konfigurazzjoni Ambjent tal-Kunsill u, kif adatt, lill-konfigurazzjoni Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kunsill.

Fir-rigward tal-bażijiet legali proposti, jiġifieri l-Artikolu 91(1)(d) TFUE (trasport), l-Artikolu 192(1) TFUE (ambjent) u l-Artikolu 194(1)(c) TFUE (enerġija), għadd ta' delegazzjonijiet staqsew dwar l-adegwatezza tagħhom u jekk kienx possibbli li jiġi previst appoġġ temporanju dirett għall-introjt skont il-bażijiet legali proposti. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ipprova analiżi preliminari matul waħda mil-laqgħat tal-AHWP SCF.

Il-ġestjoni diretta tal-Fond Soċjali għall-Klima ġiet ikkontestata wkoll minn diversi delegazzjonijiet, li esprimew il-preferenza tagħhom għal ġestjoni kondiviża. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet staqsew ukoll dwar ir-raġunament wara l-użu, bħala għodda obligatorja, ta' sistema integrata u interoperabbli ta' informazzjoni u monitoraġġ inkluż għodda unika għall-estrazzjoni ta' data u l-valutazzjoni tar-riskju.

Fir-rigward tal-kontenut tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima, id-delegazzjonijiet esprimew dubji dwar it-trikkib possibbli ma' strateġiji oħra li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, bħall-Pjanijiet Territorjali għal Tranżizzjoni Ġusta. Barra minn hekk, il-fatt li l-indikaturi għar-rappurtar dwar il-progress u għall-fini ta' monitoraġġ u evalwazzjoni għandhom jiġu stabbiliti minn att delegat, ġie kkontestat minn diversi delegazzjonijiet, li jippreferu li jkollhom l-indikaturi bħala parti mit-test regolatorju f'konformità mal-approċċ għall-politika ta' koeżjoni.

F'termini ta' eliġibbiltà tal-azzjonijiet, id-delegazzjonijiet fittxew analiżi aktar dettaljata dwar il-miżuri u l-investimenti eliġibbli għall-finanzjament, kif ukoll dwar id-distribuzzjoni bejn il-miżuri u l-investimenti, u l-appoġġ temporanju dirett għall-introjt taħt il-Fond. Id-delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifiki dwar il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u jistennew bil-ħerqa li jirċievu gwida teknika mill-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni.

Fir-rigward tad-daqs tal-Fond Soċjali għall-Klima, il-proposta tippredvi total ta' EUR 72.2 biljun matul il-perijodu 2025-2032. Dan l-ammont jikkorrispondi fil-prinċipju għal 25 % tad-dħul mistenni mill-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet propost għall-bini u t-trasport bit-triq. Maġġoranza ta' delegazzjonijiet staqsew dwar il-kalibrazzjoni tal-Kummissjoni u talbu għal spjegazzjonijiet addizzjonali rigward il-volum totali propost għall-Fond, b'diversi delegazzjonijiet iqajmu dubji dwar id-daqs tal-Fond.

Id-delegazzjonijiet qajmu tħassib fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-kofinanzjament (eż. l-Istati Membri għandhom jiffinanzjaw mill-inqas 50% tal-ispejjeż totali tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima billi jużaw parti mid-dħul mistenni tagħhom mill-irkant ta' kwoti taħt is-sistema l-għdida). F'dan ir-rigward, diversi delegazzjonijiet talbu spjegazzjonijiet addizzjonali dwar rata ta' kofinanzjament nazzjonali unika ta' 50% applikabbli għall-Istati Membri kollha, u xi wħud qisuha għolja wisq.

Rigward il-metodoloġija ta' allokazżjoni proposta għad-distribuzzjoni tal-Fond, id-delegazzjonijiet qajmu diversi mistoqsijiet u tħassib rigward kemm il-formula użata, li kienet ikkunsidrata kumplessa wisq, kif ukoll il-kriterji ta' allokazżjoni, li ħafna delegazzjonijiet ma sabux adatti biex jindirizzaw iċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi tagħhom u biex jiżguraw il-ġustizzja. F'dan il-kuntest, l-għażla tal-indikaturi ġiet ikkontestata wkoll.

Fir-rigward tad-durata tal-Fond Soċjali għall-Klima, il-fatt li l-Fond Soċjali għall-Klima jkopri żewġ perijodi tal-QFP huwa meqjus politikament sensittiv minn diversi delegazzjonijiet u ser tkun meħtieġa analiżi ulterjuri. Xi delegazzjonijiet enfasizzaw li tul ta' 8 snin li jibda mill-2025 qed jantiċipa l-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur. Fil-proposta attwali, il-Fond huwa stabbilit mingħajr limitu ta' żmien. Il-baġit tal-Fond bħalissa huwa maqsum f'żewġ partijiet: 1) pakkett finanzjarju għall-perijodu 2025-2027 u 2) pakkett finanzjarju għall-perijodu 2028-2032. Għall-perijodu 2025-2027, il-Kummissjoni ser tipproponi emenda għar-Regolament QFP attwali, li għandha tiġi maqbula fl-istess ħin mal-att bażiku li jistabbilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima u l-emenda għad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Għall-perijodu 2028-2032, huwa propost li l-ammont isir disponibbli biss jekk jinstab ftehim fir-Regolament li jmiss dwar il-QFP biex jiġi allokat ammont speċifiku ta' baġit lill-Fond Soċjali għall-Klima.

F'konformità mal-mandat tal-AHWP SCF, il-Presidenza qasmet id-dispożizzjonijiet rilevanti fil-proposta u l-annessi tagħha, dwar l-aspetti finanzjarji, marbuta mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u r-Riżorsi Proprji tal-Unjoni, inkluż fost l-oħrajn id-daqs u d-durata tal-Fond, u l-metodoloġija tal-allokazżjoni. Id-dispożizzjonijiet fil-parentesi huma daww l-aktar probabbli li jiffurmaw parti min-negożjati baġitarji orizzontali.

III. KONKLUŻJONI

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress u l-mistoqsijiet għad-dibattitu ta' orjentazzjoni kif jinsabu fl-Anness tiegħu u jibgħathom lill-Kunsill (Ambjent) bil-ħsieb tal-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Diċembru 2021.

Mistoqsijiet lill-ministri għad-dibattitu ta' orientazzjoni tal-Kunsill (Ambjent)

1. *Abbażi tal-valutazzjoni politika tiegħek tal-progress li sar s'issa fuq il-ħames fajls taħt il-mandat tal-Kunsill Ambjent, x'jista' jkun il-livell ta' ambizzjoni għal aktar progress fil-ħames inizjattivi relatati mal-klima fix-xhur li ġejjin, filwaqt li jitqiesu d-diversi rabtiet bejn il-proposti, inkluż ma' proposti oħra tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55%"?*
 2. *F'dan il-kuntest, x'tara bħala l-aktar kwistjonijiet sensittivi f'dawk il-ħames fajls?*
-